MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2009

Numru. 142/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Norbert Ciappara)**

**Versus**

**Sandro Spiteri.**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Sandro Spiteri ta' 24 sena iben Joseph u Mary nee Buttigieg mwieled il-Pieta' fit-24 ta' Jananr 1977 u joqgħod Block G Flat 4 Ta' Ganza Housing Estate Żejtun u li għandu l-karta tal-identita' bin-numru 1455577 (M)

Akkużat talli fit-13 ta' Novembrui 2001 u matul il-ġimgħat ta' qabel din id-data f'dawn il-Gżejjer :

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza

dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta mingħar ma kien awtroizzat bir-regoli tal-1939 għall-kontroll interna ta-ddrogi perikolużi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordiananza msemmija u mingħajr ma kellu liċenzju jew kien xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni dd-roga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 għall-kontroll intern tad-drogi perikolużi (GN 292/1939) kif emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma keinx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kiexn b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontoll intern tad-drogi perikolużi (GN 292/1939) kif emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta **liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li ma kinitix għall-użu esklussiv tiegħu.**

ċ) U aktar talli kiser kundizzjoni mogħtija lilu b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta liema sentenza saret sentenza defenittiva u ma tistax tinbidel fil-31 ta' Ottubru 2000 mill-Maġistrat Dr.Noel Cuschieri LL.D.

2. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid bin-numru 1455 tal-1977, il-fedina penali tal-imputat, l-

ordnijiet tal-Avukat Ġenerali tas-27 t'April 2005, id-dikjarazzjoni magħmula mill-Prosekuzzjoni li l-imputat għandu jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap 101, (fol 6, 53 u 56), l-istqarrija tal-imputat, (fol 7), ir-rapport magħmul mill-Probation Officer a fol 13, il-proces verbal redatt mill-Maġistrat Dr.Joseph Cassar intitolat 'Sejba ta' Droga fil-Cosy Corner Coffee Shop' fit-13 ta' Novembru 2001 u li fiha stqarrija ġuramentata tal-istess imputat, il-verbal li fih il-Prosekuzzjoni u d-difiża qablu li s-sustanza kienet eroina.

3. Semgħet ix-xhieda bil-ġurment.

4. Semgħet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat

5. Mill-istqarrija jirriżulta li huwa ma kienx jaħdem u kien jingħata seba' qratas kull jum minnn persuna oħra u hu kienjagħtih Lm50 waqt li jżomm tnejn għall-użu persoanli tiegħu. Huwa kien jagħmel dan mhux għall-qligħ iżda beix jisspaortja l-vizzju tiegħu. (Fol 7). Huwa kien ilu jixtri minn għand l-istess persuna madwar xahrfejn u l-arranġament kien dejjem l-istess.

6. Mir-rapport tal-Probation Officer jirriżulta li l-imputat ilu jabbuża mid-droga madwar 13-il sena. Huwa bniedem introvert u mistħi u jbati biex jikkomunika.

7. Skond WPC 12 Andrea Galea fit-13 ta' Novembru 2001 l-Pulizija kienu marru fil-Corner Café' u kienu sabulu xi sachets bi trab kannella suspettat eroina. L-istess fatti kkonfermahom PC 445 Adrian Paul Bugeja.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

8. L-ewwel imputazzjoni hija dwar traffikar ta' eroina fit-13 ta' Novembru u l-ġimgħat ta' qabel. L-imputat innifsu stqarr illi kien ilu

(a) madwar xahrejn (fol.8)
(b) jingħata seba' pakketti eroina **kull jum**

(ċ) li minnhom iżomm tnejn għalih għall-użu personali tiegħu u
(d) tal-ħames pakketti l-oħrajn jagħti lis-supplier Lm50
(e) Meta kien imur jixtri mill-ġdid huwa kien jagħti lis-supplier il-flus tal-jum ta' qabel.

9. Minn dak li qal l-imputat jidher li wkoll fil-jum li nqabad mill-Pulizija kien biegħ għax kien baqagħlu żewġ pakketti biss. Jirriżulta wkoll li dan il-bejgħ kien ilu sejjer għal madwar xahrejn.

10. L-imputat qal li ma kienx qed jagħmel dan għall-qligħ. Madanakollu l-liġi hija ċara:l-imputat xorta kien qed jittraffika ai fini tal-artikolu Artikolu 22(1B) tal-Kap 101. It-traffikar mhux marbut ma' profit u l-bejgħ tad-droga qatt m'hu skużat. Il-fatt li l-imputat kien bla xogħol u ried jara jif ser jiffinanzja l-vizzju tiegħu mhux skuża.

11. Għaldaqstant il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih.

12. Dwar it-tieni imputazzjoni, fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ – u mhux dejjem bħalma ddeċidiet reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali – minħabba li jidher li ż-żewġ imputazzjonijiet seħħew fl-istess żmien, għalkemm il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni, qed tiddeċiedi li din hija assorbita ai fin ital-artikolu 17(h) tal-Kap 9.

13. Dwar it-tielet imputazzjoni – ksur ta' kundizzjoni mogħtija f'sentenza tal-31 t'Ottubru 2000, din tirriżulta mill-fedina penali iżda ma kienet ippreżentata ebda sentenza. Għaldqastant il-Qorti qed tilliberah minnha.

## Konklużjoni

14. Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 18 tal-Kap 9, ir-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939 kif ukoll it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i), 22(1B) u 29 tal-Kap 101 u l-artikolu 23 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta issib lill-imputat ħati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni b'dan pero' li t-tieni imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel waħda ai fini

tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9, u qed tilliberah mit-tielet imputazzjoni.

15. Dwar il-piena l-Qorti ikkonsidrat li l-imputat għandu jibbenefika mill-artikolu 29 f'żewġ gradi u l-problema kbira li għandu bil-problema tad-droga (ara fol 22 – rapport tal-Probation Officer).

16. Min-naħa l-oħra jidher li sar bejgħ ta' ħames pakketti tal-eroina kull jum għal madwar xahrejn.

17. Wara li applikat l-artikolu 31 tal-Kap 9, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat għal tmien xhur priġunerija u għall-ħals ta' multa ta' €590 liema multa tista' tiħallas b'rati ta' 50 Ewro kull xahar bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk xi pagament ma jitħallasx, il-bilanċ jitħallas f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx din tinbidel f'jum priġunerija għal kull 11.65 Ewros mhux imħallsin.

18. Il-Qorti mhix tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9 għax ma tqabbdu ebda esperti.

19. Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt is-sorveljanza tar-Reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------